MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-6 ta' Frar, 2012

Avviz Numru. 3/2005

**William Fenech (ID 388458M), Anthony Sultana (ID 279322M),**
**John Sultana (ID 365430M), Doris Pons (10338M), Mario Sultana**
**(ID 422375M), Rita Sciberras (ID 124573M), Mariella Fenech (762661M),**
**Lorraine Grech (ID123869M), Joseph Pons (ID 564648M), William Pons**
**(ID 251655M), Edeline Ellul (ID 816350M), Richard Pons (ID 521161M) u**
**Joanne Caruana (ID 33176M) u Louise Caruana (ID 582673M) u b'digriet**
**tal-1 ta' Ottubru 2010 il-gudizzju gie trasfuz fuq isem Martin Sultana minflok l-attur John Sultana li miet fit-23 ta' Marzu 2010.**

**Vs**

**Charles Fenech**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-atturi talbu sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux ikun ikkundannat li din il-Onorabbli Qorti tiddikjara illi l–kiri tal-fond mitejn tnejn u tletin (232) fi Triq Manwel Dimech, Tas-Sliema favur il-konvenut Charles Fenech, minn Rita u Ersilia Sultana, uzufruttwarji, llum mejta, ma jiswiex kontra l-atturi, sidien tal-fond, peress illi l-istess kirja ma saritx taht kundizzjonjiet gusti ai termini ta’ l-Artikolu 1530(1) tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal- Ligijiet ta’ Malta).

Ghall-finijiet tal-kompetenza jigi ddikjarat illi l-kera tal-fond in kwistjoni ma jeccedix is-somma ta’ ghoxrin Lira Maltin (Lm20.00) fis-sena.

Bl-ispejjes kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut (fol 4 u fol 5 tal-atti) u li biha eccepixxa bir-rispett:-

1. Illi d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-mejta Ersilia u Rita Sultana kienu ko pro prjetarji tal-fond imsemmi u krewlu l-fond bil-kera ta’ Lm20 fis-sena liema kera hu ilu jhallas lilhom ghal dawn l-ahhar hamsa ghoxrin (25) sena u cioe minn Jannar 1977 u dan kif jirrizulta mill-kotba tar-ricevuti li qed jigu hawn esebiti u mmarkati bhala Dok CF 1 sa CF12.
2. Illi a tenur tal-Artikou 1527 tal-Kodici Civili l-azzoni imsemmija tista’ tigi annullata biss kemm il-darba din it-talba ssir fi zmien xahrejn minn dakinhar li l-konpossessuri l-ohra jkunu saru jafu b’din il-kirja.
3. Illi l-atturi kienu jafu b’din il-kirja snin imma kif jirrizulta mill-ittra tat-8 ta’ Ottubru 2004 zgur li f’dik il-gurnata huma kienux jafu bir-ricevuti tal-kera li huwa kellu favur tieghu stante illi huwa rcieva ittra minghand il-konsulent legali taghhom li jikkonfema dan u li kopja taghha qed tigi esebita u mmarkat CF 13.
4. Illi ghalhekk l-azzjoni odjerna hija preskritta a tenur tal-ligi stante li ghaddew ix-xahrejn utli minn meta huma setgu jintavolaw l-azzjoni odjerna u ghalhekk il-konenut ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju.

5. Illi bla pregudizzju ghal premess, il-fond in kwistjoni mhux fond dekontrollat u huwa fond lil huwa rregolat bil-ligijet tal-kera biex b'hekk il-kirja ta' Lm20 fis-sena stante li huwa fond antik u ilu mikri lill-konvenut mill-1977, hija gusta.
6. Illi bla pregudizzju ghal premess jekk l-eccezzjonijiet antecedenti ma jigux milqugha minn din il-Qorti, din il-kawza ghandha tigi ddikjarata intempestiva stante li qabel il-Qorti tasal biex tiddeciedi jekk din il-kirja saritx taht kundizzjonijiet gusti jew le, l-atturi messhom ipprezentaw kawza quddiem il-Bord tal-Kera ghal fisazzjoni tal-kera gusta u wara tali sentenza l-Qorti tikun tista' tasal jekk il-kirja saritx taht kundizzjonjiet gusi o meno u ghal din ir-raguni wkoll huwa ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju;
7. Illi bla pregudizzju ghal premess, illum il-konvenut u koproprjetarju tal-fond imsemmi u ghandu 9/32 parti indiviza tal-fond imsemmi u bhala koproprjetarju ghandu dritt jinqeda bil-hwejjeg in komun u dan a tenur tal-Artiklu 491 tal-Kap XV1 tal-Ligijiet ta' Malta.
8. Salv eccezzjonjiet ohra.

Rat id-dokumenti kollha annessi mal-istess nota tal-eccezzjonijiet u markati Dok CF1 sa Dok CF13 (fol 6 u fol 18 tal-atti).

Rat id-digriet moghti fil-31 ta' Ottubru 2007 (fol 56 sa fol 58 ibid) u li bih gie nominat bhala perit tekniku, l-A.I.C. Godwin Abela skond kif specifikat fl-istess digriet (ara ukoll fol 64 sa fol 70 ibid).

Rat ir-relazzjoni teknika sottomessa mill-istess espert a fol 86 ibid (ara ukoll fol 93 ibid).

Rat id-digriet moghti fl-1 ta' Dicembru 2010 (fol 111 sa fol 118 tal-istess atti) u li bih il-gudizzju gie trasfuz fuq isem Martin Sultana, minhabba li dan l-attur kien miet fit-23 ta' Marzu 2010.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi hawnhekk, jkun opportun li jsir rassunt tal-provi prodotti mill-partijiet.

a) L-istess konvenut (fol 26 u fol 30 et seq ibid) l-ewwel gie prodott in subizzjoni, u hawnhekk xehed illi l-imsemmija Rita u Ersilia Sultana, iz-zijiet, xebbiet, tieghu kienu t-tnejn mejtin b'Rita Sultana tmut sentejn qabel cjoe matul l-2003 u b'Ersilia Sultana tmut fl-1993. Hu kompla billi qal illi l-post in kwistjoni kien inkera minnu permezz ta' skrittura privata u rrefera ukoll ghall-ircevuti tal-hlas tal-kera, esebiti in atti mal-istess nota ta' eccezzjonijiet sottomessa minnu. Dwar l-istess ircevuti, dawn '… jmorru minn 1977 san-1998. Effettivament hu kien hallas il-kera sakemm mietet l-ahhar wahda miz-zijiet imsemmija. Dwar l-iskrittura ta' kera, din kienet saret quddiem Avukat jew Nutar ghall-habta tal-1976 izda, skond hu, din l-iskrittura ' …ma ghadhiex f'idejja'. Wara, pero, hu sostna li il-persuna legali kienet tat il-parir li ma kienx hemm htiega ta' skrittura peress li ircevuti kienu sufficjenti. Hawnhekk, hu esebixxa ktieb kontenenti rcevuti ffirmata minn Rita Sultana wahedha ghall-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 1999 sal-1 ta' Jannar 2003. Dwar l-istess kera tal-post in kwistjoni li ma hux ddekontrollat (ara fol 40 ibid), hu kien iddeposiha fil-Qorti wara li mietet l-istess Rita Sultana, zijtu (ara fol 36 sa fol 38 ibid).

Sussegwentement, l-konvenut kien gie awtorizzat li jissottometti 'affidavit' (fol 100 u fol 101 ibid) b'diversi dokumenti ohrajn (fol 102 sa fol 106 ibid). Hawnhekk hu beda billi qal kif hu kien trabba mill-istess zijiet imsemmija u kienu jirrisjedu, flimkien, fl-istess post, l-ewwel detenut, b'titolu ta' kera u wara akkwistat, bi bejgh, minn ziju iehor Saviour Sultana. Dan tal-ahhar kien miet fl-1975 u kif Rita u Ersilia Sultana, hutu, kien hallilhom, porzjoni indiviizz tal-istess post oltre li halliehom uzufruttwarji bhala xebbiet (ara Dok CFF3 a fol 104 et seq ibid). Wara il-mewt ta' Saviour Sultana, iz-zijiet xebbiet kienu krew l-istess post lill-konvenut u dan, skond dejjem l-istess konvenut, bil-kunsens ta' huthom li qatt ma kienu kkontestaw l-istess kirja. Dwar il-kera, hu jsostni li dak miftiehem kien dak reali tas-suq. Hawnhekk, hu rega' tenna li din il-kirja kienet

saret bi skrittura. Eventwalment l-uzufruttwarji kienu mertu bl-ahhar wahda fid-9 ta' Lulju 2003 u hu, l-konvenut, kien gie istitwit bhala eredi taghhom inkluz ta' sehemhom tal-istess post (ara Dok CFF6 u DOk CF7' hawn annessi). Inoltre hu kien wiret sehem indivizz iehor mill-genituri tieghu

Flimkien ma hutu, l-atturi (<u>Dok CFF8 u Dok CFF9</u>), Dwar dan u referenza ghall-kirja in esami, hu jsostni li hu inkwilin protett skond il-Kapitolu 69 tal-Ligijiet ta' Malta u dan, dejjem skond hu bil-kunsens verbali taz-zmienijiet kollha. Difatti dejjem skond hu, dan id-dizgwid inqala', biss wara l-mewt tal-istess xebbiet u huthom kollha hlief ghal 'Toni'. <u>In kontroesami</u>, il-konvenut rega qal li meta kien qed tirreferi ghal 'ftehim bil-miktub' kien qed jirreferi ghall-imsemmija rcevuti. Inoltre hu rega tenna li l-kirja favur tieghu kienet saret bil-kunsens taz-zijiet kolla inkluzi John Sultana u Toni Sultana dan tal-ahhar ghadu haj. Pero jidher li wara li mietu x-xebbiet, hadd ma ried jaccetta l-hlas tal-kera, illum €186, wara l-emendi li saru fil-ligijiet, in materja.

b) Il-konvenut pproduca bhala xhud lis-siehba tieghu <u>Elizabeth Bonett</u> (fol 42 u fol 43 ibid) li fis-sustanza rrepetiet dak li xehed l-istess konvenut waqt li ziedet tghid illi, fl-istess post, il-konvenut kien ghamel kemm riparazzjonijiet kemm miljoramenti.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi <u>l-attur Anthony Sultana</u> imsemmi fix-xhieda tal-konvenut bhala 'Toni' u prodott minnu xehed (fol 51 et seq ibid) illi kien minnu li l-konvenut irrisjeda fil-post in kwistjoni, flimkien ma hutu xebbiet mill-eta ta' hames snin izda hu, x-xhud, ma kienx jaf b'liema titolu kien jirrisjedi hemm, il-konvenut u dan ghax '… ma kienx jinteressana'. Pero fl-2003, il-konvenut kien staqsih '… jekk se niehu l-kera (tad-dawl u ilma) izda hu ma kienx accettaha '… ghax mhux tieghi'. Dwar dan kien jikkomunika ma huh u dan kien '… qabel mieghi'.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi l-attur l-iehor, William Fenech (fol 122 ibid) irrefera, biss, ghad-‘dizgwid’ imsemmi mill-konvenut u ta’ l-versjoni tieghu tal-fatti.

Ikkunsidrat

Illi hawnhekk a bazi tal-fatti kif esposti, irrisulta li l-konvenut effettivament, kien kera’ l-post in kwistjoni minghand l-uzufruttwarji ossija z-zewg zijiet xebbiet imsemmijin u dan bil-kera miftehem ta’ Lm20.

Illi hu minnu li l-partijiet kollha huma ko-proprjetarji ta’ sehem indiviz kull wiehed u wahda minnhom. Il-konvenut jsostni illi l-atturi setghu jintavolaw kawza a bazi tal-artikolu 1527 tal-Kodici Civili. Pero din l-azzjoni ma hiex bazata fuq dan l-artikolu li jirregola kirja favur wiehed mill-kopossessuri ad insaputa tal-ko possessuri l-ohrajn. Filfatt l-atturi ghazlu li jagixxu skond l-artikolu 1530(i) tal-istess Kodici li jghid illi f’kaz ta’ kirja moghtija minn uzufruttwarji ukoll din tkun valida jekk issir a bazi ta’ ‘fair conditions’ ghall-perijodu mhux itwal minn erba’ snin f’kaz ta’ fond urban jew ghall-perjodu specifikati fl-istess artikolu. Ghalhekk din il-kawza ghandha tigi deciza a bazi ta’ dan l-artikolu u mhux dak citat precedentement.

Illi l-konvenut jikkontendi li din il-kirja saret bil-kunsens espress jew tacitu tal-atturi. Pero mill-analisi tal-provi prodotti dan li qed jigi allegat mill-konvenut bl-ebda mod ma gie ippruvat, lanqas fuq bazi ta’ probabilta u hawnhekk hu opportun li ssir referenza ghax-xhieda ta’ Anthony Sultana l-attur, prodott mill-istess konvenut. Ghalhekk ghandu jigi deciz, li l-atturi saru jafu bil-kirja in kwistjoni u l-ammont ta’ kera involut wara li mietet l-ahhar zija u ftit qabel ma saret din il-kawza.

Ili hu minnu li l-fond ma hux dekontrollat. Hawnhekk il-konvenut jikkontendi li, ghalhekk, il-post u l-kera hu regolat mill-Kapitolu 69 ta’ Ligijiet ta’ Malta. Din il-ligi tal-ahhar, filfatt, topera f’kaz ta’ tigdid ta’ kera jew zieda fil-kera jew l-ghemil ta’ kondizzjonijiet godda meta il-kirja

originali tkun skadiet (ara l-artikolu 3 tal-Kapitolu 69 imsemmi).

Kif di gja inghad, il-kawza odjerna hi bazata fuq l-artikou 1530(1) tal-Kodici Civili u bl-ebda mod ma tinvolvi dak specifikat fl-artikolu 3 imsemmi. Konsegwentement dak mitlub fl-avviz in esami, bl-ebda mod ma jidhol fil-funzjonjiet tal-Bord li Jirregola l-Kera jew b'xi mod, gie eskluz mill-kompetenza tal-Qrati ordinarji.

Ikkunsidrat

Illi, ghalhekk, wara li jigi deciz li ebda mill-eccezzjonijiet sottomessi mill-konvenut ma tistax tigi akkolta ser jigi deciz il-meritu ta' din il-kawza bazat fuq kondizzjonijiet li ma humiex gusti u li bdew isehhu mill-bidu nett ta' din il-kirja. Dwar dan l-atturi qed jilmentaw li l-kera ta' Lm20 fis-sena ma hux gust u ghal dan il-ghan, kien gie nominat espert tekniku li ssottometta (fol 86 et seq ibid u fol 93 ibid) li l-valur lokatizju tal-post in esami, fl-1977, is-sena tal-bidu tal-kirja, kien ta' €1575 fis-sena u €5,302.50 fis-sena' fl-2009 u dan 'fuq il-valur fis-suq'. Minn dan jidher car u evidenti b'mod lampanti, li l-kera ta' Lm20 fis-sena' hu altament ingust u ghalhekk din il-kondizzjoni tal-kirja originali ghandha tigi konsiderata bhala wahda ingusta.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti waqt li tichad l-eccezzjonjiet kollha sottomessi mill-konvenut, tilqa t-talbiet attrici u tiddikjara li l-kiri tal-fond numru mitejn tnejn u tletin (232) fi Triq Manuel Dimech Tas-Sliema favur il-konvenut Charles Fenech minn Rita u Ersilia Sultana uzufruttwarji, llum mejta, ma jiswiex kontra l-atturi sidien tal-fond, peress li l-istess kirja ma saritx taht kondizzjonijiet gusti a termini tal-artikolu 1530(1) tal-Kodici Civili (Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta).

In rigward l-ispejjes kollha dawn ghandhom jithallsu mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------